



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2011/0397(COD)

31.7.2012

*****I**

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi ta' groundhandling fl-ajruporti tal-Unjoni u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE
(COM(2011)0824 – C7-0457/2011 – 2011/0397(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Artur Zasada

Rapporteur għal opinjoni (*): Thomas Mann, Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

(*) Proċedura b'kumitati assoċjati – Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f' verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhum minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI.....	33

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi ta' groundhandling fl-ajruporti tal-Unjoni u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE (COM(2011)0824 – C7-0457/2011 – 2011/0397(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0824),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0457/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni motivata preżentata mill-Kamra tad-Deputati Lussemburġiża fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-28 ta' Marzu 2012¹,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tad-19 ta' Lulju 2012²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjonijiet tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur kif ukoll tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0000/2012),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 10

¹ Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

² Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Għal ċerti kategoriji ta' servizzi ta' groundhandling, l-aċċess għas-suq jista' jaffaċċja limitazzjonijiet ta' sigurtà, sikurezza, kapaċità u disponibbiltà ta' spazju. Għalhekk għandu jkun possibbli li jitnaqqas in-numru ta' fornituri awtorizzati ta' dawn is-servizzi ta' groundhandling.

Emenda

(10) Għal ċerti kategoriji ta' servizzi ta' groundhandling, l-aċċess għas-suq jista' jaffaċċja limitazzjonijiet ta' sigurtà, sikurezza, kapaċità u disponibbiltà ta' spazju. Għalhekk għandu jkun possibbli li jitnaqqas in-numru ta' fornituri awtorizzati ta' dawn is-servizzi ta' groundhandling.
Dawn il-limitazzjonijiet jistgħu jvarjaw minn terminal għall-ieħor fl-istess ajruport, bil-kundizzjoni li ma jiġux applikati b'mod diskriminatorju, li ma jwasslux għal distorsjoni tal-kompetizzjoni u li jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Or. pl

Emenda 2
Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) F'ċerti każijiet il-limitazzjonijiet ta' sigurtà, sikurezza, kapaċità u disponibbiltà ta' spazju jistgħu jkunu tali li jiġġustifikaw **aktar** restrizzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq jew fuq is-self-handling, sakemm dawn ir-restrizzjonijiet ikunu rilevanti, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji. F'dawn il-każijiet l-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jitolbu eżenzjonijiet mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Emenda

(11) F'ċerti każijiet il-limitazzjonijiet ta' sigurtà, sikurezza, kapaċità u disponibbiltà ta' spazju jistgħu jkunu tali li jiġġustifikaw restrizzjonijiet **temporanji** fuq l-aċċess għas-suq jew fuq is-self-handling, sakemm dawn ir-restrizzjonijiet ikunu rilevanti, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji. F'dawn il-każijiet l-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jitolbu eżenzjonijiet mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Or. pl

Emenda 3
Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) **L-utenti** tal-ajruport għandhom ikunu kkonsultati fl-għażla tal-fornituri tas-servizzi ta' groundhandling, minħabba li dawn għandhom interess ewlieni fil-kwalità u l-prezz tas-servizzi ta' groundhandling.

Emenda

(14) **Meta titqies il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati l-bżonnijiet tal-utenti** tal-ajruport, **dawn** għandhom ikunu kkonsultati fl-għażla tal-fornituri tas-servizzi ta' groundhandling, minħabba li dawn għandhom interess ewlieni fil-kwalità u l-prezz tas-servizzi ta' groundhandling.

Or. pl

Emenda 4
Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Biex ikun żgurat li l-fornituri kollha tas-servizzi u l-utenti tal-ajruport li jimmaniġġjaw is-servizzi huma stess **ikollhom solidità ekonomika suffiċjenti, reputazzjoni tajba**, kopertura tal-assigurazzjoni suffiċjenti, u għarfien **xieraq tal-operazzjonijiet ta' groundhandling u tal-ambjent tal-ajruport**, u sabiex ikunu stabbiliti kundizzjonijiet ugwali, l-għoti tal-approvazzjoni għandu jkun soġġett għal rekwiżiti minimi.

Emenda

(19) Biex ikun żgurat li l-fornituri kollha tas-servizzi u l-utenti tal-ajruport li jimmaniġġjaw is-servizzi huma stess **jirrispettaw għallinqas ir-rekwiżiti ta' sigurtà u sikurezza, u li jkollhom**, kopertura tal-assigurazzjoni suffiċjenti, u għarfien tal-operazzjonijiet ta' groundhandling, **kif ukoll** sabiex ikunu stabbiliti kundizzjonijiet ugwali, l-għoti tal-approvazzjoni għandu jkun soġġett għal rekwiżiti minimi.

Or. pl

Emenda 5
Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Il-korp li jmexxi l-ajruport jista' joffri wkoll servizzi ta' groundhandling huwa stess. Billi fl-istess ħin, permezz tad-deċiżjoni tiegħu, il-korp li jmexxi l-

Emenda

(23) Il-korp li jmexxi l-ajruport jista' joffri wkoll servizzi ta' groundhandling huwa stess. Billi fl-istess ħin, permezz tad-deċiżjoni tiegħu, il-korp li jmexxi l-

ajruport jista' jeżerċita influwenza konsiderevoli fuq il-kompetizzjoni bejn il-fornituri tas-servizzi ta' groundhandling, l-ajruporti għandhom ikunu meħtieġa li jżommu s-servizzi ta' groundhandling tagħhom f'entità **legali** separata mill-entità **legali** għall-ġestjoni tal-infrastruttura.

ajruport jista' jeżerċita influwenza konsiderevoli fuq il-kompetizzjoni bejn il-fornituri tas-servizzi ta' groundhandling, l-ajruporti għandhom ikunu meħtieġa li jżommu s-servizzi ta' groundhandling tagħhom f'entità separata, **fl-organigramma**, mill-entità għall-ġestjoni tal-infrastruttura.

Or. pl

Emenda 6
Proposta għal regolament
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26a) Sabiex jiġi garantit livell ta' sigurtà suffiċjenti fl-ajruporti kollha, ir-rekwiżiti li jstabbilixxu l-istandards ta' kwalità minima għas-servizzi ta' groundhandling għandhom ikunu konformi mal-kriterji ta' sigurtà u mal-prinċipji li jirregolaw is-sistemi ta' ġestjoni stabbiliti mid-dispożizzjonijiet tal-Unjoni applikabbli fil-gasam.

Or. pl

Emenda 7
Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30) Id-drittijiet rikonoxxuti minn dan ir-Regolament għandhom japplikaw biss għal fornituri ta' servizzi ta' groundhandling minn pajjiżi terzi u utenti tal-ajruport li jimmaniġġjaw is-servizzi huma stess minn pajjiżi terzi soġġetti għal reċiproċità stretta. Fejn ma jkunx hemm din ir-reċiproċità, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tiddeċiedi li Stat Membru jew Stati

(30) Id-drittijiet rikonoxxuti minn dan ir-Regolament għandhom japplikaw biss għal fornituri ta' servizzi ta' groundhandling minn pajjiżi terzi u utenti tal-ajruport li jimmaniġġjaw is-servizzi huma stess minn pajjiżi terzi soġġetti għal reċiproċità stretta. Fejn ma jkunx hemm din ir-reċiproċità, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tiddeċiedi, **fuq inizjattiva tagħha stess jew**

Membri jissospendu dawn id-drittijiet fir-rigward ta' dawn il-fornituri jew l-utenti.

fuq talba ta' Stat Membru, li Stat Membru jew Stati Membri jissospendu dawn id-drittijiet fir-rigward ta' dawn il-fornituri jew l-utenti.

Or. pl

Emenda 8
Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

(32) Sabiex ikun żgurat li r-rekwiżiti armonizzati tal-assigurazzjoni japplikaw għall-fornituri ta' servizzi ta' groundhandling u għall-utenti tal-ajruport li jimmaniġġjaw is-servizzi huma stess, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-rekwiżiti tal-assigurazzjoni għall-fornituri tas-servizzi ta' groundhandling u għall-utenti tal-ajruport li jimmaniġġjaw is-servizzi huma stess. Sabiex ikun żgurat li l-obbligi armonizzati u aġġornati kif xieraq japplikaw ***fir-rigward tal-istandards minimi ta' kwalità għas-servizzi ta' groundhandling u fir-rigward tal-obbligi ta' rappurtar għall-fornituri*** tas-servizzi ta' groundhandling u għall-utenti tal-ajruport ***li jimmaniġġjaw is-servizzi huma stess***, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni ***fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għall-istandards minimi ta' kwalità għas-servizzi ta' groundhandling u fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għall-kontenut u t-tixrid tal-obbligi ta' rappurtar għall-fornituri tas-servizzi ta' groundhandling u għall-utenti tal-ajruport li jimmaniġġjaw is-servizzi huma stess***. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa waqt ix-xogħol

Emenda

(32) Sabiex ikun żgurat li r-rekwiżiti armonizzati tal-assigurazzjoni japplikaw għall-fornituri ta' servizzi ta' groundhandling u għall-utenti tal-ajruport li jimmaniġġjaw is-servizzi huma stess, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat ***dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea*** għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-rekwiżiti tal-assigurazzjoni għall-fornituri tas-servizzi ta' groundhandling u għall-utenti tal-ajruport li jimmaniġġjaw is-servizzi huma stess. Sabiex ikun żgurat li l-obbligi armonizzati u aġġornati kif xieraq japplikaw ***fir-rigward tal-istandards minimi ta' kwalità għas-servizzi ta' groundhandling u fir-rigward tar-rapporti imposti fuq il-fornituri*** tas-servizzi ta' groundhandling u għall-utenti tal-ajruport, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għall-kontenut u t-tixrid tal-obbligi ta' rappurtar għall-fornituri tas-servizzi ta' groundhandling u għall-utenti tal-ajruport li jimmaniġġjaw is-servizzi huma stess. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa waqt ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti u billi tinvolvi lill-Kumitat tad-Djalogo Settorjali stabbilit

ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti u billi tinvolvi lill-Kumitat tad-Djalogu **Soċjali** Settorjali stabbilit permezz tad-Deċiżjoni 98/500/KE.

permezz tad-Deċiżjoni 98/500/KE **tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 1998, dwar l-istabbiliment ta' Kumitati ta' Djalogu Settorjali biex iġibu 'l quddiem id-djalogu bejn l-imsieħba soċjali fuq livell Ewropew***. **Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura t-trasmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.**

* **ĠU L 225, 12.8.1998, p. 27.**

Or. pl

Emenda 9
Proposta għal regolament
Premessa 32a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(32a) Meta jitqiesu l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-groundhandling meta jforni siġġijiet bir-roti u tagħmir mediku u ta' assistenza ieħor li jintuża mill-passiġġieri b'diżabilità jew mobilità mnaqqsa, kif ukoll il-punt sa kemm l-indipendenza ta' dawn il-passiġġieri tiddependi fuq dan it-tagħmir, il-kuntratti ta' assigurazzjoni ta' dawk li jipprovdu servizzi ta' groundhandling għandhom jiggarrantixxu kumpens totali għad-danni fil-każ ta' ħsara jew telf ta' tagħmir ta' dan it-tip.

Or. pl

Emenda 10
Proposta għal regolament
Artikolu 6 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' groundhandling għandu jkollhom aċċess ħieles għas-suq għall-għoti ta' servizzi ta' groundhandling lil partijiet terzi fi kwalunkwe ajruport li t-traffiku annwali tiegħu ma kienx inqas minn żewġ miljun moviment ta' passiġġieri jew 50 000 tunnellata ta' merkanzija għal mill-inqas it-tliet snin preċedenti.

Emenda

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' groundhandling ***li jkollhom sede stabbilita fit-territorju tal-Unjoni*** għandu jkollhom aċċess ħieles għas-suq għall-għoti ta' servizzi ta' groundhandling lil partijiet terzi fi kwalunkwe ajruport li t-traffiku annwali tiegħu ma kienx inqas minn żewġ miljun moviment ta' passiġġieri jew 50 000 tunnellata ta' merkanzija għal mill-inqas it-tliet snin preċedenti.

Or. pl

Emenda 11
Proposta għal regolament
Artikolu 6 - paragrafu 2 - subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Madankollu, l-Istati Membri m'għandhomx jillimitaw dan in-numru għal inqas minn żewġ fornituri għal kull kategorija ta' servizzi ta' groundhandling jew, fil-każ tal-ajruporti li t-traffiku annwali tagħhom ma kienx inqas minn 5 miljun passiġġier jew 100 000 tunnellata ta' merkanzija għal mill-inqas it-tliet snin preċedenti, għal inqas minn tliet fornituri għal kull kategorija ta' servizzi ta' groundhandling.

Emenda

Madankollu, l-Istati Membri m'għandhomx jillimitaw dan in-numru għal inqas minn żewġ fornituri għal kull kategorija ta' servizzi ta' groundhandling jew, fil-każ tal-ajruporti li t-traffiku annwali tagħhom ma kienx inqas minn 5 miljun passiġġier jew 100 000 tunnellata ta' merkanzija għal mill-inqas it-tliet snin preċedenti, għal inqas minn tliet fornituri għal kull kategorija ta' servizzi ta' groundhandling ***jew, f'dawk l-ajruporti li t-traffiku annwali tagħhom ma kienx inqas minn 35 miljun passiġġier jew 350 000 tunnellata ta' merkanzija għal mill-inqas it-tliet snin preċedenti, għal inqas minn erba' fornituri għal kull kategorija ta' servizzi ta' groundhandling.***

Or. pl

Emenda 12
Proposta għal regolament
Artikolu 6 - paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Minħabba s-sitwazzjoni partikulari ta' ċertu ajruporti li t-traffiku annwali tagħhom ma kienx inqas minn 35 miljun passiġġier jew 350 000 tunnellata ta' merkanzija għal mill-inqas it-tliet snin preċedenti, l-Istati Membri jistgħu jissospendu d-deċiżjoni li n-numru ta' fornituri jkun fiss għal mill-inqas erba' fornituri għal perjodu li ma jistax jaqbeż il-5 snin minn.... L-Istati Membri għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tagħhom.*

** ĠU: jekk jogħġbokom daħħlu d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*

Or. pl

Emenda 13
Proposta għal regolament
Artikolu 6 - paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Il-limitazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 2 jistgħu jvarjaw minn terminal għall-ieħor fl-istess ajruport, bil-kundizzjoni li ma jiġux applikati b'mod diskriminatorju, li ma jwasslux għal distorsjoni tal-kompetizzjoni u li jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Or. pl

Emenda 14
Proposta għal regolament
Anness 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 - parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Fl-ajruporti fejn in-numru ta' fornituri huwa limitat għal żewġ fornituri jew aktar f'konformità mal-paragrafu (2) ta' dan l-Artikolu, jew l-Artikolu 14 (1) (a) **u** (c), mill-inqas wieħed mill-fornituri awtorizzati m'għandux ikun ikkontrollat direttament jew indirettament:

Emenda

Fl-ajruporti fejn in-numru ta' fornituri huwa limitat għal żewġ fornituri jew aktar f'konformità mal-paragrafu (2) ta' dan l-Artikolu, jew l-Artikolu 14 (1) (a), (c) **u (ca)**, mill-inqas wieħed mill-fornituri awtorizzati m'għandux ikun ikkontrollat direttament jew indirettament:

Or. pl

Emenda 15
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – inċiż 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

– erba' fornituri ta' servizzi ta' groundhandling fl-ajruporti li t-traffiku annwali tagħhom ma kienx inqas minn 35 miljun passiġġier jew 350 000 tonnollata ta' merkanzija għal mill-inqas it-tliet snin preċedenti, soġġett għall-perjodu ta' sospensjoni ta' ħames snin msemmi fl-Artikolu 6(2a).

Emenda

Or. pl

Emenda 16
Proposta għal regolament
Artikolu 6 - paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

7a. Kull ajruport li t-traffiku annwali tiegħu ma kienx inqas minn 35 miljun passiġġier jew 350 000 tonnollata ta' merkanzija għal mill-inqas it-tliet snin preċedenti u li t-traffiku annwali tiegħu

Emenda

jgħaddi mbagħad taħt il-limitu minimu ta' 35 miljun passiġġier jew 350 000 tunnellata ta' merkanzija għandu jżomm is-suq tiegħu miftuħ għal fornituri ta' groundhandling lil partijiet terzi matul mill-inqas l-ewwel tliet snin wara s-sena li jkun waqa' taħt il-limitu.

Or. pl

Emenda 17
Proposta għal regolament
Artikolu 7 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-fornituri awtorizzati li jipprovdu servizzi ta' groundhandling f'ajruport fejn in-numru tagħhom huwa limitat permezz tal-Artikolu 6 jew l-Artikolu 14 għandhom jintgħażlu skont proċedura ta' sejħa ta' offerti trasparenti, mitfuħa u mhux diskriminatorja.

Emenda

1. Il-fornituri awtorizzati li jipprovdu servizzi ta' groundhandling f'ajruport fejn in-numru tagħhom huwa limitat permezz tal-Artikolu 6 jew l-Artikolu 14 għandhom jintgħażlu skont proċedura ta' sejħa *għal* offerti trasparenti, mitfuħa u mhux diskriminatorja. ***Wara li tikkonsulta mal-Kumitat tal-Utenti tal-Ajruport, l-awtorità li tagħmel is-sejħa tista' tqassam is-servizzi ta' groundhandling f'sottokategoriji u torganizza proċedura ta' sejħa għal offerti separata għal kull sottokategorija.***

Or. pl

Emenda 18
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) fil-każijiet l-oħrajn kollha, awtorità kompetenti indipendenti mill-korp li jmexxi l-ajruport.

Emenda

(b) fil-każijiet l-oħrajn kollha, awtorità kompetenti indipendenti mill-korp li jmexxi l-ajruport, ***u li ma jkollha l-ebda relazzjoni kummerċjali, diretta jew indiretta, marbuta mal-attivitajiet tal-ajruport.***

Emenda 19
Proposta għal regolament
Artikolu 7 - paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kumitat tal-Utenti tal-Ajruport m'għandux **ikollu** aċċess għall-offerti tal-applikanti fi kwalunkwe stadju tal-proċedura tal-għażla. **Il-korp** li jmexxi l-ajruport **m'għandux ikollu aċċess għall-offerti** tal-applikanti **fi kwalunkwe stadju tal-proċedura tal-għażla, jekk ma jkunx l-awtorità li tagħmel is-sejħa.**

Emenda

3. Il-Kumitat tal-Utenti tal-Ajruport **u l-korp li jmexxi l-ajruport, sakemm dan ma jkunx l-awtorità li qed tagħmel is-sejħa,** m'għandux **ikollhom** aċċess għall-offerti tal-applikanti fi kwalunkwe stadju tal-proċedura tal-għażla. **Fuq talba tal-Kumitat tal-Utenti tal-Ajruport jew tal-korp** li jmexxi l-ajruport, **sakemm dan ma jkunx l-awtorità li qed tagħmel is-sejħa, l-awtorità li tagħmel is-sejħa għandha tipprovdi sommarju tal-offerti** tal-applikanti, **waqt li toqgħod attenta li din ma tkun tinkludi l-ebda informazzjoni kunfidenzjali.**

Emenda 20
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-applikant juri l-abbiltà tiegħu u jimpenja ruħu bil-miktub li japplika d-dispożizzjonijiet u r-regoli rilevanti, inklużi l-liġijiet applikabbli dwar ix-xogħol, **il-ftehimiet kollettivi applikabbli,** ir-regoli ta' kondotta fl-ajruport **u r-reqwiżiti** ta' kwalità fl-ajruport.

Emenda

(b) l-applikant juri l-abbiltà tiegħu u jimpenja ruħu bil-miktub li japplika d-dispożizzjonijiet u r-regoli rilevanti, inklużi l-liġijiet applikabbli dwar ix-xogħol, ir-regoli ta' kondotta fl-ajruport **kkonċernat, ir-reqwiżiti** ta' kwalità **u d-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet kollettivi applikabbli i jirregolaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-qasam tas-servizzi ta' groundhandling li għalih ikun ressaq offerta bil-ħsieb li jwettaq attività** fl-ajruport **speċifikat.**

Emenda 21
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) konsistenza u kredibbiltà tal-pjan ta' negozju kif ivvalutati fuq il-bażi ta' mudelli ta' kalkolazzjonijiet tal-ispejjeż;

Emenda

(a) konsistenza u kredibbiltà tal-pjan ta' negozju kif ivvalutati fuq il-bażi ta' mudelli ta' kalkolazzjonijiet tal-ispejjeż ***stabbiliti għall-perjodu ffissat fil-kundizzjonijiet tas-sejħa għal offerti;***

Or. pl

Emenda 22
Proposta għal regolament
Artikolu 9 - paragrafu 3 - punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-adeqwatezza tar-riżorsi materjali f' dak li jirrigwarda d-disponibbiltà tat-tagħmir u ***l-kompatibbiltà tat-tagħmir mal-ambjent;***

Emenda

(c) l-adeqwatezza tar-riżorsi materjali f' dak li jirrigwarda d-disponibbiltà tat-tagħmir u ***l-istat operattiv tajjeb tiegħu;***

Or. pl

Emenda 23
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) l-adeqwatezza tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż iż-żamma tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-każ ta' trasferiment tal-persunal li jakkompanja bidla tal-fornitur tas-servizzi ta' groundhandling li tinvolvi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati

Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji*, bi qbil mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, u l-impenn li jiġu applikati l-ftehimiet kollettivi xierqa.

* ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16.

Or. pl

Emenda 24
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) *il-prestazzjoni ambjentali.*

Emenda

(g) *ir-rispett tar-rekwiżiti ambjentali applikabbli.*

Or. pl

Emenda 25
Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fornitur ta' servizzi ta' groundhandling għandu jibda jipprovdi s-servizzi fi żmien xahar mid-data tal-bidu indikata fis-sejħa għall-offerti. L-awtorità li tagħmel is-sejħa tista', f'każijiet debitament ġustifikati, fuq it-talba tal-fornitur tas-servizzi ta' groundhandling u wara li tikkonsulta mal-Kumitat tal-Utenti tal-Ajruport, ittawwal dan il-perjodu għal massimu ta' sitt xhur. Wara li jintemm dan il-perjodu, l-awtorizzazzjoni ma tibqax valida.

Emenda

2. Fornitur ta' servizzi ta' groundhandling għandu jibda jipprovdi s-servizzi fi żmien xahar mid-data tal-bidu indikata fis-sejħa għall-offerti. L-awtorità li tagħmel is-sejħa tista', f'każijiet debitament ġustifikati, fuq it-talba tal-fornitur tas-servizzi ta' groundhandling u wara li tikkonsulta mal-Kumitat tal-Utenti tal-Ajruport, ittawwal dan il-perjodu għal massimu ta' sitt xhur. Wara li jintemm dan il-perjodu, l-awtorizzazzjoni ma tibqax valida. ***L-Istat Membru jista', fuq proposta tal-korp li jmexxi l-ajruport, jimponi multa fuq il-fornitur tas-servizzi ta' groundhandling li***

ma jkunx beda jipprovdi s-servizzi tiegħu qabel l-iskadenza stabbilita.

Or. pl

Emenda 26
Proposta għal regolament
Artikolu 11 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Meta korp li jmexxi ajruport u li jipprovdi servizzi ta' groundhandling skont il-paragrafu (1) ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-paragrafu (1), dan il-fornitur jista' jkompli jipprovdi servizzi ta' groundhandling għal perjodu ta' **ħames snin** mingħajr ma jkun soġġett għall-proċedura ta' għażla stipulata fl-Artikoli 7 sa 10. Fl-aħħar ta' dan il-perjodu ta' ħames snin, il-fornitur għandu jinforma lill-awtorità rilevanti li tagħmel is-sejħa biżżejjed bil-quddiem u mill-inqas sitt xhur qabel jiskadi l-perjodu ta' **ħames snin**. Jistgħu jkunu imposti multi fuq il-fornitur jekk ma jgħarrafx lill-awtorità li tagħmel is-sejħa biżżejjed bil-quddiem sakemm il-fornitur ma jkunx jista' juri force majeure. Jekk il-fornitur iwaqqaf l-attività tiegħu qabel jintemm il-perjodu ta' **ħames snin**, għandhom japplikaw l-Artikoli 10 (4) u 10 (5).

Emenda

2. Meta korp li jmexxi ajruport u li jipprovdi servizzi ta' groundhandling skont il-paragrafu (1) ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-paragrafu (1), dan il-fornitur jista' jkompli jipprovdi servizzi ta' groundhandling għal perjodu ta' **tnax-il xahar** mingħajr ma jkun soġġett għall-proċedura ta' għażla stipulata fl-Artikoli 7 sa 10. Fl-aħħar ta' dan il-perjodu ta' ħames snin, il-fornitur għandu jinforma lill-awtorità rilevanti li tagħmel is-sejħa biżżejjed bil-quddiem u mill-inqas sitt xhur qabel jiskadi l-perjodu ta' **tnax-il xahar**. Jistgħu jkunu imposti multi fuq il-fornitur jekk ma jgħarrafx lill-awtorità li tagħmel is-sejħa biżżejjed bil-quddiem sakemm il-fornitur ma jkunx jista' juri force majeure. Jekk il-fornitur iwaqqaf l-attività tiegħu qabel jintemm il-perjodu ta' **tnax-il xahar**, għandhom japplikaw l-Artikoli 10 (4) u 10 (5).

Or. pl

Emenda 27
Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

ca) li jillimita għal żewġ jew tliet fornituri, kategorija jew kategoriji mis-servizzi ta' groundhandling imsemmija fl-

Emenda

Artikolu 6 (2) għall-ajruporti li t-traffiku annwali tagħhom mhuwiex inqas minn 35 miljun passiġġier jew 350 000 tunnellata ta' merkanzija, migħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta'-Artikolu 6 (3);

Or. pl

Emenda 28
Proposta għal regolament
Artikolu 14 - paragrafu 10

Texte proposé par la Commission

10. Eżenzjonijiet mogħtija minn Stat Membru skont il-paragrafu (1) m'għandhomx idumu aktar minn tliet snin ħlief għall-eżenzjonijiet mogħtija skont il-paragrafu 1 (b) **u** (c). Mhux aktar tard minn sitt xhur qabel it-tmiem ta' dak il-perjodu, l-Istat Membru għandu jieħu deċiżjoni ġdida dwar kull talba għal eżenzjoni, li għandha wkoll tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

Emenda

10. Eżenzjonijiet mogħtija minn Stat Membru skont il-paragrafu (1) m'għandhomx idumu aktar minn tliet snin ħlief għall-eżenzjonijiet mogħtija skont il-paragrafu 1 (b), (c) **u (ca)**. Mhux aktar tard minn sitt xhur qabel it-tmiem ta' dak il-perjodu, l-Istat Membru għandu jieħu deċiżjoni ġdida dwar kull talba għal eżenzjoni, li għandha wkoll tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

Or. pl

Emenda 29
Proposta għal regolament
Artikolu 14 - paragrafu 11a (ġdid)

Test proposit mill-Kummissjoni

11a. Id-dispożizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 10 u 11 ta' dan l-artikolu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(2a).

Emenda

Or. pl

Emenda 30
Proposta għal regolament
Artikolu 16 - paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Fl-ajruporti li t-traffiku annwali tagħhom ma kienx ta' inqas minn 2 miljun moviment ta' passiġġieri jew 50 000 tunnellata ta' merkanzija għal mill-inqas tliet snin konsekuttivi, il-korp li jmexxi l-ajruport jista' jirrikjedi li l-impriża li tkun tixtieq tipprovdi servizzi ta' groundhandling, kemm jekk bħala fornitur ta' servizzi ta' groundhandling kif ukoll bħala utent li jimmaniġġja s-servizzi hu stess, tkun tissodisfa r-rekwiżiti kollha, jew parti minnhom, stabbiliti f'dan il-kapitolu.

Or. pl

Emenda 31
Proposta għal regolament
Artikolu 17 - paragrafu 1 - punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

c) tikkonforma mal-kundizzjonijiet finanzjarji speċifikati fl-Artikolu 18;

imħassar

Or. pl

Emenda 32
Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

d) tikkonforma mal-prova ta' reputazzjoni tajba speċifikata fl-Artikolu 19;

imħassar

Or. pl

Emenda 33
Proposta għal regolament
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

imħassar

Or. pl

Emenda 34
Proposta għal regolament
Artikolu 19

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

imħassar

Or. pl

Emenda 35
Proposta għal regolament
Artikolu 22 - paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-assigurazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiggarrantixxi kumpens totali tad-danni b'segwitu għal ħsara jew telf tat-tagħmir mediku jew ta' assistenza użat mill-passiġġieri b'diżabilità jew b'mobilità mnaqqsa

Or. pl

Emenda 36
Proposta għal regolament
Artikolu 23 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Approvazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' *ħames* snin.

1. Approvazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' *għaxar* snin.

Or. pl

Emenda 37

Proposta għal regolament

Anness 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 - parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Kwalunkwe ħlas kif imsemmi fil-paragrafu (1) għandu jkun stabbilit fil-livell tal-ajruport individwali wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Utenti tal-Ajruport u mal-impriżi li jipprovdu servizzi ta' groundhandling fl-ajruport. Il-korp li jmexxi l-ajruport jew, fejn rilevanti, il-korp li jmexxi l-infrastruttura ċentralizzata, għandu jagħti kull sena lill-Kumitat tal-Utenti tal-Ajruport u lill-impriżi li jipprovdu servizzi ta' groundhandling fl-ajruport l-informazzjoni dwar il-komponenti li jservu bħala l-bażi għall-iffissar tal-ħlasijiet. L-informazzjoni għandha tinkludi mill-inqas dan li ġej:

4. Kwalunkwe ħlas kif imsemmi fil-paragrafu (1) għandu jkun stabbilit fil-livell tal-ajruport individwali wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Utenti tal-Ajruport u mal-impriżi li jipprovdu servizzi ta' groundhandling fl-ajruport. Il-korp li jmexxi l-ajruport jew, fejn rilevanti, il-korp li jmexxi l-infrastruttura ċentralizzata, għandu jagħti kull sena lill-Kumitat tal-Utenti tal-Ajruport u lill-impriżi li jipprovdu servizzi ta' groundhandling fl-ajruport l-informazzjoni dwar il-komponenti li jservu bħala l-bażi għall-iffissar tal-ħlasijiet, ***soġġett għall-impenn min-naħa tal-partijiet kollha hawn fuq imsemmijin li jirrispettaw dejjem il-kunfidenzjalità stretta ta' din l-informazzjoni.*** L-informazzjoni għandha tinkludi mill-inqas dan li ġej:

Or. pl

Emenda 38

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – titolu

Texte proposé par la Commission

Emenda

Separazzjoni legali

Separazzjoni ***funzjonali***

Emenda 39
Proposta għal regolament
Artikolu 29 - paragrafu 1 - subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Fl-ajruporti li l-volum tat-traffiku annwali tagħhom ma kienx inqas minn żewġ miljun moviment ta' passiġġieri jew 50 000 tunnellata ta' merkanzija għal mill-inqas it-tliet snin preċedenti, il-korp li jmexxi l-ajruport jew il-korp li jmexxi l-infrastruttura ċentralizzata għandu, jekk jipprovdi servizzi ta' groundhandling lil partijiet terzi, jistabbilixxi entità **legali** separata għat-twettiq ta' dawn l-attivitajiet ta' groundhandling.

Emenda

Fl-ajruporti li l-volum tat-traffiku annwali tagħhom ma kienx inqas minn żewġ miljun moviment ta' passiġġieri jew 50 000 tunnellata ta' merkanzija għal mill-inqas it-tliet snin preċedenti, il-korp li jmexxi l-ajruport jew il-korp li jmexxi l-infrastruttura ċentralizzata għandu, jekk jipprovdi servizzi ta' groundhandling lil partijiet terzi, jistabbilixxi entità separata għat-twettiq ta' dawn l-attivitajiet ta' groundhandling.

Emenda 40
Proposta għal regolament
Artikolu 29 - paragrafu 1 - subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Din l-entità għandha tkun indipendenti ***f'dak li jirrigwarda l-forma legali tagħha, l-organizzazzjoni u t-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha minn kwalunkwe entità involuta fil-ġestjoni tal-infrastruttura*** tal-ajruport meta l-korp li jmexxi l-ajruport jipprovdi servizzi ta' groundhandling lil partijiet terzi, u minn kwalunkwe entità involuta fl-infrastruttura ċentralizzata meta l-korp li jmexxi l-infrastruttura ċentralizzata jipprovdi servizzi ta' groundhandling lil partijiet terzi.

Emenda

Din l-entità għandha tkun indipendenti, ***minn prospettiva funzjonali, mill-korp li jmexxi l-infrastruttura*** tal-ajruport meta l-korp li jmexxi l-ajruport jipprovdi servizzi ta' groundhandling lil partijiet terzi, u minn kwalunkwe entità involuta fl-infrastruttura ċentralizzata meta l-korp li jmexxi l-infrastruttura ċentralizzata jipprovdi servizzi ta' groundhandling lil partijiet terzi. ***L-indipendenza funzjonali tal-fornitur tkun żgurata jekk:***

- ikun jikkostitwixxi unità kummerċjali separata, bil-kontabilità proprja tagħha

- ikun jipprovdi servizzi lil korpi oħrajn

fuq bażi mhux diskriminatorja

- ikollu persunal ta' amministrazzjoni separat u indipendenti għat-teħid ta' deċiżjonijiet, b'mod li f'tit ikun iħalli lok għal possibilitajiet ta' trasferiment bejn il-fornitur u l-korp li jmexxi l-ajruport

- ikollu post tax-xogħol fiżikament separat

Or. pl

Emenda 41
Proposta għal regolament
Artikolu 29 - paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-entità **legali** li tipprovdi servizzi ta' groundhandling kif imsemmija fil-paragrafu (1) ma tistax tirċievi xi sussidju finanzjarju transversali minn attivitajiet *ajrunawtiċi* relatati mal-ġestjoni tal-infrastruttura tal-ajruport f'każijiet fejn il-korp li jmexxi l-ajruport jipprovdi servizzi ta' groundhandling, jew minn attivitajiet ajronawtiċi relatati mal-ġestjoni tal-infrastruttura ċentralizzata f'każijiet fejn il-korp li jmexxi l-infrastruttura ċentralizzata jipprovdi servizzi ta' groundhandling li jippermettu lill-entità **legali** li tipprovdi servizzi ta' groundhandling li tnaqqas il-prezzijiet li titlob għas-servizzi ta' groundhandling tagħha lil partijiet terzi.

Emenda

3. L-entità li tipprovdi servizzi ta' groundhandling kif imsemmija fil-paragrafu (1) ma tistax tirċievi xi sussidju finanzjarju transversali minn attivitajiet *ajronawtiċi* relatati mal-ġestjoni tal-infrastruttura tal-ajruport f'każijiet fejn il-korp li jmexxi l-ajruport jipprovdi servizzi ta' groundhandling, jew minn attivitajiet ajronawtiċi relatati mal-ġestjoni tal-infrastruttura ċentralizzata f'każijiet fejn il-korp li jmexxi l-infrastruttura ċentralizzata jipprovdi servizzi ta' groundhandling li jippermettu lill-entità li tipprovdi servizzi ta' groundhandling li tnaqqas il-prezzijiet li titlob għas-servizzi ta' groundhandling tagħha lil partijiet terzi.

Or. pl

Emenda 42
Proposta għal regolament
Artikolu 29 - paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Fl-aħħar ta' kull sena finanzjarja awditur indipendenti għandu **jivverifika s-**

Emenda

5. Fl-aħħar ta' kull sena finanzjarja awditur indipendenti għandu **jikkontrolla l-**

sitwazzjoni u jiddikjara pubblikament li ma kienx hemm sussidju transversali finanzjarju **bħal dan**. Meta l-entità **legali** li tipprovdi servizzi ta' groundhandling tirċievi sussidju transversali minn attivitajiet mhux ajronawtiċi, **l-entità li tmexxi** l-infrastruttura tal-ajruport jew l-entità li tmexxi l-infrastruttura ċentralizzata għandha turi li dan huwa konformi mal-paragrafu (3).

indipendenza funzjonali tal-fornitur, bi qbil mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1(2), u jivverifika li ma kienx hemm sussidju transversali finanzjarju **kif imsemmi fil-paragrafu 3. Il-korp li jmexxi l-infrastruttura tal-ajruport għandu, fuq proposta tal-awtorità kompetenti, jinnotifika li l-verifika msemmija hawn fuq tkun twettqet**. Meta l-entità li tipprovdi servizzi ta' groundhandling tirċievi sussidju transversali minn attivitajiet mhux ajronawtiċi, **il-korp li jmexxi l-infrastruttura tal-ajruport jew l-entità li tmexxi l-infrastruttura ċentralizzata għandha turi, abbażi tal-verifika mwettqa,** li dan huwa konformi mal-paragrafu (3).

Or. pl

Emenda 43
Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

a) jipprojbixxi lil fornitur ta' servizzi ta' groundhandling jew utent tal-ajruport li jimmaniġġja s-servizzi huwa stess milli jipprovdi servizzi ta' groundhandling jew self-handling jekk dak il-fornitur jew utent jonqos li jikkonforma mar-regoli ta' kondotta;

Emenda

a) **jimponi multa, jew inkella jillimita jew** jipprojbixxi lil fornitur ta' servizzi ta' groundhandling jew utent tal-ajruport li jimmaniġġja s-servizzi huwa stess milli jipprovdi servizzi ta' groundhandling jew **milli iwettaq** self-handling jekk dak il-fornitur jew utent jonqos li jikkonforma mar-regoli ta' kondotta;

Or. pl

Emenda 44
Proposta għal regolament
Artikolu 32 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fl-ajruporti li t-traffiku annwali tagħhom

Emenda

2. Fl-ajruporti li t-traffiku annwali tagħhom

ma kienx inqas minn ħames miljun moviment ta' passiġġieri jew 100 000 tonnellata ta' merkanzija għal mill-inqas it-tliet snin preċedenti, il-korp li jmexxi l-ajruport jew, fejn xieraq, l-awtorità pubblika jew kwalunkwe korp ieħor li jikkontrolla l-ajruport għandu jistabbilixxi standards minimi ta' kwalità għall-prestazzjoni ta' servizzi ta' groundhandling.

ma kienx inqas minn ħames miljun moviment ta' passiġġieri jew 100 000 tonnellata ta' merkanzija għal mill-inqas it-tliet snin preċedenti, il-korp li jmexxi l-ajruport jew, fejn xieraq, l-awtorità pubblika jew kwalunkwe korp ieħor li jikkontrolla l-ajruport għandu jistabbilixxi standards minimi ta' kwalità għall-prestazzjoni ta' servizzi ta' groundhandling ***u jinforma minnufih lill-Kummissjoni dwarhom. L-istandards ta' kwalità minima stabbiliti mill-korp li jmexxi l-ajruport għandhom jiġu approvati mill-awtorità pubblika kompetenti.***

Or. pl

Emenda 45
Proposta għal regolament
Artikolu 32 - paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. L-istandards *minimi* ta' kwalità għandhom jikkonformaw ***ma' speċifikazzjonijiet*** stabbiliti ***mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta dawk l-ispeċifikazzjonijiet permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 42.***

Emenda

6. L-istandards ta' kwalità *minima* għandhom jikkonformaw ***mal-ispeċifikazzjonijiet*** stabbiliti ***fl-Anness 1a ta' dan ir-Regolament.***

Or. pl

Emenda 46
Proposta għal regolament
Artikolu 32 - paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

6a. Tal-anqas darba fis-sena, il-korp li jmexxi l-ajruport għandu jirrapporta lill-Kumitat tal-Utenti tal-Ajruport dwar il-grad ta' konformità tal-fornituri ta'

Emenda

servizzi ta' groundhandling u l-utenti li jimmaniġġjaw is-servizz huma stess fir-rigward tal-istandards ta' kwalità minima obbligatorji.

Or. pl

Emenda 47
Proposta għal regolament
Artikolu 32 - paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7a. Il-korp li jmexxi l-ajruport għandu jidentifika t-tip u l-firxa ta' attivitajiet koperti minn kull kriterju tal-istandards ta' kwalità minima fl-ajruport li jmexxi. Il-korp li jmexxi l-ajruport għandu jikkonsulta mal-Kumitat tal-Utenti tal-Ajruport dwar id-definizzjoni, il-livell u l-metodu ta' valutazzjoni tal-konformità mal-istandards ta' kwalità minima. Qabel l-introduzzjoni tal-istandards ta' kwalità minima, kull fornitur ta' servizzi ta' groundhandling u kull min jimmaniġġja dawn is-servizzi hu stess għandu jirċievi taħriġ fil-qasam ta' kompetenza tiegħu sabiex jiġi vvalutat korrettament il-livell tal-kriterji li għandhom jiġu rispettati fl-istandards ta' kwalità minima.

Or. pl

Emenda 48
Proposta għal regolament
Artikolu 32 - paragrafu 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7b. L-istandards kollha ta' kwalità minima, inklużi l-kriterji kwantitattivi jekk ikunu applikabbli, għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku.

Emenda 49
Proposta għal regolament
Artikolu 32 - paragrafu 7c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7c. Qabel ma jaġġorna jew jemenda l-istandards ta' kwalità minima, il-korp li jmexxi l-ajruport għandu jikkonsulta l-Kumitat tal-Utenti tal-Ajruport u l-fornituri ta' servizzi ta' groundhandling li jkunu qed joperaw fl-ajruport.

Emenda 50
Proposta għal regolament
Artikolu 32 - paragrafu 7d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7d. Jekk fornitur ta' servizzi ta' groundhandling jew xi ħadd li jimmaniġġja dawn is-servizzi hu stess ma jissodisfax l-istandards ta' kwalità minima, il-korp li jmexxi l-ajruport għandu jinformah minnufih dwar l-irregolaritajiet li jkun wettaq u jikkomunikalu l-lista ta' kriterji li jrid jissodisfa. Jekk, fi żmien 6 xhur minn meta tiġi kkomunikata l-lista ta' kriterji mhux sodisfatti, il-fornitur ta' servizzi ta' groundhandling jew dak li jimmaniġġja dawn is-servizzi hu stess ma jissodisfax kompletament l-istandards ta' kwalità minima, il-korp li jmexxi l-ajruport, b'konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Utenti tal-Ajruport, jista' jitlob lill-Istat Membru kkonċernat jimponi multi fuq il-fornitur ta' servizzi ta' groundhandling jew fuq dak li jimmaniġġja dawn is-servizzi hu stess, jew jipprojbixxih, kompletament jew

parzjalment, milli jipprovdi servizzi ta' groundhandling f'ajruport speċifikat jew fit-territorju sħiħ tal-Istat Membru kkonċernat. Kull miżura li tittieħed mill-Istat Membru b'rispons għat-talba tal-korp li jmexxi l-ajruport għandha tiġi kkomunikata minnufih lill-Kummissjoni u lill-awtorità pubblika kompetenti.

Or. pl

Emenda 51

Proposta għal regolament

Anness 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 - parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Mingħajr preġudizzju għall-impenji internazzjonali tal-Unjoni, il-Kummissjoni tista', f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 43 (3), tiddeċiedi li Stat Membru jew Stati Membri għandhom jieħdu miżuri, inkluża s-sospensjoni parzjali jew sħiħa tad-dritt tal-aċċess għas-suq tal-groundhandling fit-territorju tagħhom fir-rigward ta' fornituri ta' servizzi ta' groundhandling u ta' utenti tal-ajruport li jimmaniġġjaw is-servizzi huma stess minn dak il-pajjiż terz, bl-għan li tisewwa l-imġiba diskriminatorja tal-pajjiż terz ikkonċernat, meta jkun jidher li pajjiż terz, fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-groundhandling jew self-handling:

Emenda

1. Mingħajr preġudizzju għall-impenji internazzjonali tal-Unjoni, il-Kummissjoni tista', ***fuq inizzjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' Stat Membru***, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 43 (3), tiddeċiedi li Stat Membru jew Stati Membri għandhom jieħdu miżuri, inkluża s-sospensjoni parzjali jew sħiħa tad-dritt tal-aċċess għas-suq tal-groundhandling fit-territorju tagħhom fir-rigward ta' fornituri ta' servizzi ta' groundhandling u ta' utenti tal-ajruport li jimmaniġġjaw is-servizzi huma stess minn dak il-pajjiż terz, bl-għan li tisewwa l-imġiba diskriminatorja tal-pajjiż terz ikkonċernat, meta jkun jidher li pajjiż terz, fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-groundhandling jew self-handling:

Or. pl

Emenda 52

Proposta għal regolament

Anness 1a (ġdid)

ANNEX Ia

LISTA TAL-ISTANDARDS TA' KWALITÀ MINIMA

L-istandards ta' kwalità minima definiti mill-korp li jmexxi l-ajruport jew kwalunkwe entità oħra msemmija fl-Artikolu 32 għandhom jinkludu:

1) l-istandards ta' kwalità minima fir-rigward tal-attivitajiet operattivi:

a) immaniġġjar tal-passiġġieri;

- ħin massimu ta' stennija għar-reġistrazzjoni tal-bagalji. Jista' jiġi stabbilit ħin massimu ta' stennija għall-ajruport kollu jew għal terminal wieħed

- ħin massimu ta' stennija waqt it-trasferiment ta' passiġġieri bejn titjira u oħra

b) immaniġġjar tal-bagalji

- żmien massimu għall-forniment tal-ewwel bagalja. Jista' jiġi stabbilit ħin massimu ta' stennija għall-ajruport kollu jew għal terminal wieħed

- żmien massimu għall-forniment tal-aħħar bagalja. Jista' jiġi stabbilit ħin massimu ta' stennija għall-ajruport kollu jew għal terminal wieħed

- żmien massimu għall-forniment tal-bagalji waqt trasferiment bejn inġenju tal-ajru u ieħor. Jista' jiġi stabbilit ħin massimu ta' stennija għall-ajruport kollu jew għal terminal wieħed

c) immaniġġjar ta' merkanzija u posta

- żmien massimu għall-forniment ta' merkanzija u posta. Jista' jiġi stabbilit ħin massimu ta' stennija għall-ajruport kollu jew għal terminal wieħed

- żmien massimu għall-forniment ta' merkanzija u posta waqt trasferiment bejn inġenju tal-ajru u ieħor. Jista' jiġi

stabbilit ħin massimu ta' stennija għall-ajruport kollu jew għal terminal wieħed

d) immaniġġjar tat-trasport fuq l-art

- żmien massimu biex jiġbattal l-ajruplan

- riżerva minima ta' prodott għat-tneħħija tas-silġ

e) l-immaniġġjar tar-rampi

- ħin massimu tal-operazzjonijiet ta' imbark/żbark tal-passiġġieri

f) eliminazzjoni tal-fdalijiet u l-oġġetti barranin fuq it-tarmac (Foreign Objects and Debris -FODs)

2) l-istandards ta' kwalità minima fir-rigward tat-taħriġ:

- parteċipazzjoni regolari fit-taħriġ organizzat mill-ajruport fir-rigward tal-attivitajiet fiż-żoni ta' sikurezza b'aċċess regolat, is-sikurezza u s-sigurtà, il-ġestjoni tal-kriżi u l-protezzjoni ambjentali

3) l-istandards ta' kwalità minima marbuta mal-informazzjoni u l-assistenza mogħtija lill-passiġġieri

a) wiri f'ħin reali ta' informazzjoni dwar iż-żmien għall-kunsinna tal-bagalji

b) wiri f'ħin reali ta' informazzjoni dwar it-titjiriet tard jew imħassrin

c) numru minimu ta' membri tal-persunal li jistgħu jikkomunikaw informazzjoni fil-bibien għall-imbark

d) numru minimu ta' membri tal-persunal li jistgħu jilqgħu l-ilmenti jew l-informazzjoni dwar bagalji mitlufa

4) l-istandards ta' kwalità minima fir-rigward tat-tagħmir:

- numru u disponibilità ta' vetturi għall-assistenza għall-passiġġieri/bagalji/inġenji tal-ajru

5) l-istandards ta' kwalità minima fir-rigward tas-sistema PDC:

- parteċipazzjoni fis-sistema PDC tal-ajruport

6) l-istandards ta' kwalità minima fir-rigward tas-sigurtà:

- pussess ta' sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà (Safety Management System – SMS) u obbligu ta' koordinament mas-sistema ta' sigurtà użata mill-ajruport

- dikjarazzjoni ta' aċċidenti u inċidenti

7) l-istandards ta' kwalità minima fir-rigward tas-sikurezza:

- pussess ta' sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili, u koordinament mas-sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà użata mill-ajruport*

8) l-istandards ta' kwalità minima fir-rigward tal-pjan ta' kontinġenza:

- pussess ta' pjan ta' kontinġenza (inkluż għall-każi ta' borra qawwija) u obbligu ta' koordinament mal-pjan użat mill-ajruport

9) l-ambjent:

- dikjarazzjoni ta' inċidenti b'riperkussjonijiet fuq l-ambjent (tixrid ta' prodott likwidu)

- gass mill-vetturi użati

** ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72.*

Or. pl

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea

Mill-1996, il-forniment ta' servizzi ta' groundhandling fl-ajruporti fl-Unjoni Ewropea hu regolat mid-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling f'ajruporti tal-Komunità. L-objettivi ta' din id-Direttiva kienu l-ftuħ parzjali tas-suq permezz tat-twessigħ tal-firxa ta' fornituri ta' servizzi għall-kumpaniji tal-ajru, it-tnaqqis tal-ispejjeż ta' operazzjoni u t-titjib tal-kwalità tas-servizzi offruti. L-objettivi stabbiliti fil-biċċa l-kbira tagħhom intlaħqu, prinċipalment grazzi għall-possibilità li nġhatat lill-kumpaniji tal-ajru li jimmaniġġjaw il-groundhandling tagħhom huma stess, u grazzi għall-ftuħ tas-suq għal impriżi indipendenti ta' groundhandling, ħlief għal ċerti ajruporti fejn l-aċċess għas-servizzi ta' groundhandling seta' jitrażżan għal diversi raġunijiet marbutin mas-sigurtà u ma' kapaċità operattiva insuffiċjenti. Element ieħor kien l-introduzzjoni tal-proċedura ta' sejħa għal offerti obligatorja li l-ajruporti li jrażżnu l-aċċess għas-servizzi ta' groundhandling huma obbligati japplikaw, sabiex jintgħażlu mhux iktar minn żewġ fornituri indipendenti kapaċi joffrullhom dan it-tip ta' servizz.

Mill-prospettiva tal-Kummissjoni Ewropea, l-objettivi ewlenin tad-Direttiva ntlaħqu imma, minħabba l-iżvilupp konsiderevoli tal-konnessjonijiet bl-ajru mill-1996 u t-tbassir tas-settur għall-għaxar snin li ġejjin, il-qafas legali attwali tas-suq tas-servizzi ta' groundhandling għandu jiġi aġġornat. Biex tiġi affrontata din l-isfida, is-suq Ewropew tas-servizzi ta' groundhandling għandu jkompli jiġi liberalizzat, u kull element inkluż fih għandu jgħaddi minn armonizzazzjoni Komunitarja, b'mod partikulari fil-livell ta' approvazzjoni, tal-istandards ta' kwalità minima, tal-livell minimu ta' taħriġ u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Dawn il-problemi jsibu soluzzjoni fil-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi ta' groundhandling fl-ajruporti tal-Unjoni u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE.

Pożizzjoni tar-Rapporteur

Ir-Rapporteur jappoġġa lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha favur il-liberalizzazzjoni ulterjuri tas-suq tas-servizzi ta' groundhandling fl-Unjoni Ewropea. Peress li d-Direttiva dwar is-suq tas-servizzi ta' groundhandling diġà ilha 16-il sena fis-seħħ, ir-Rapporteur iqis li r-reviżjoni ta' dan l-att se tkun kruċjali għal madwar għaxar snin. Għaldaqstant, it-test għandu jqis il-bidliet l-oħra possibbli f'dan is-settur importanti. Ir-Rapporteur jirrikonoxxi l-bżonnijiet tal-ħaddiema impjegati fl-impriżi tas-servizzi ta' groundhandling u hu tal-fehma li ftuħ progressiv ta' ċerti servizzi għal għadd akbar ta' impriżi m'għandux iwassal għal taqlib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieġ attwali.

Ir-Rapporteur jappoġġa l-proposti biex jinfetaħ kompletament is-suq tal-awtoassistenza fl-ajruporti li l-volum tat-traffiku annwali tagħhom ma jaqbiżx iż-żewġ miljuni ta' passiġġieri fit-tliet snin li ġejjin jew 50 000 tunnellata ta' merkanzija fis-sena, u biex in-numru minimu ta' impriżi indipendenti għas-servizzi riżervati jitla' minn tnejn għal tlieta. Madankollu, minħabba l-prospetti sinifikanti ta' żieda fit-traffiku tal-ajru, ir-Rapporteur qed jipproponi li tissokta l-liberalizzazzjoni tas-suq, billi n-numru minimu ta' impriżi tas-servizzi ta' groundhandling

jizzied minn tlieta għal erbgħa, wara li tqies il-fatt li s-servizzi riżervati jikkonċernaw biss l-aktar ajruporti importanti, li waqt l-aħħar tliet snin ikunu laqgħu 35 miljun passiġġier u 350 000 tunnellata ta' merkanzija (madwar 9 ajruporti fl-Unjoni). Minħabba l-qagħda partikulari ta' ċerti ajruporti u tal-perjodu ta' adattament meħtieġ, ir-Rapporteur qed jipproponi li l-Istati Membri tithallilhom il-possibilità li jissospendu d-deċiżjoni biex in-numru ta' fornituri ma jkunx inqas minn erbgħa, għal żmien ta' mhux aktar minn 5 snin, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 tar-Regolament.

IL-modifiki proposti jikkonċernaw ukoll is-separazzjoni tas-servizzi ta' groundhandling mill-bqija tal-attivitajiet li jipprovdi l-ajruport. Skont il-Kummissjoni, is-sistema attwali ta' separazzjoni fil-kontabilità hi diffiċli li tiġi kkontrollata u għaldaqstant il-proposta għal regolament qed tissuġġerixxi separazzjoni legali. Ir-Rapporteur qed jipproponi soluzzjoni ta' kompromess ibbażata fuq separazzjoni funzjonali, u jidher li din se twassal biex jintlaħaq riżultat mingħajr ma jiġu imposti proċeduri supplimentari fuq l-ajruporti. Separazzjoni ta' dan it-tip għandha tkun mibnija fuq kriterji bħall-istabbiliment ta' unità kummerċjali separata, l-obbligu li s-servizzi jiġu pprovduti lid-destinatarji kollha bla diskriminazzjoni, il-limitazzjoni tal-possibilitajiet ta' trasferiment tal-persunal maniġerjali bejn l-entitajiet differenti u l-obbligu ta' separazzjoni fiżika bejn il-postijiet tax-xogħol.

Modifika importanti oħra tar-rapport tirrigwarda l-istabbiliment ta' standards ta' kwalità minima, li r-Rapporteur iqis li huma essenzjali biex jintlaħaq l-ogħla livell ta' kwalità u ta' koordinament tas-servizzi ta' groundhandling fl-ajruporti. Madankollu hu jqis li d-deċiżjonijiet f'dan il-qasam għandhom jittieħdu fil-livell ta' kull ajruport wara l-approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru u mhux mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati. Fl-anness għar-Regolament, ir-Rapporteur qed jipproponi qafas ġenerali għall-kategoriji partikulari tal-istandards ta' kwalità minima.

Jappoġġa wkoll l-idea ta' standard fir-rigward tal-kisba ta' approvazzjoni xierqa rikonoxxuta fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea, imma jqis madankollu li jkun xieraq li t-test propost mill-Kummissjoni jiġi ċċarat u li l-kwistjonijiet relatati mas-sigurtà u l-protezzjoni jiġu enfasizzati. Il-kriterji marbutin mar-reputazzjoni jew mas-saħħa finanzjarja tal-impriżi għandhom jitħallew għad-diskrezzjoni tal-kumpanija ta' assigurazzjoni peress li l-pussess ta' kuntratt ta' assigurazzjoni hu kundizzjoni li fuqha tiddependi l-approvazzjoni.

Ir-Rapporteur iqis li l-liberalizzazzjoni ulterjuri tas-suq tas-servizzi ta' groundhandling għandha titwettaq b'rispett għad-drittijiet u għall-iżvilupp tal-kwalifiki professjonali. Jirrispetta d-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Prezidenti li tapplika l-Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura, li tirrikonoxxi r-responsabilità esklużiva tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) għall-parti soċjali tal-abbozz ta' regolament. B'konsegwenza, ma tressqet l-ebda emenda fir-rigward tal-partijiet tat-test li jirregolaw il-kundizzjonijiet ta' impjeg u t-taħriġ tal-persunal (premissa 31 u Artikoli 12, 20, 34, 39(I), (m), (n), (o) u 40).